# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 334/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Spiteri**

Illum l-ewwel (1) ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Joseph Spiteri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 682562(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn id-9 ta' April 2018 u l-10 ta' April 2018 ġewwa Triq il-Qrendi, Żurrieq:

1. volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) iżda anqas minn

elfejn u ħames mitt Euro (€2500) għad-dannu ta' Mario Farrugia, Maria Milva Farrugia u Marianno Farrugia.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għas-sigurta' ta' Mario Farrugia, Maria Milva Farrugia u Marianno Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Diċembru 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu tmien (8) xhur priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sena. Wara li rat Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex iħallas l-ammont ta' disa' mija u għoxrin Euro (€920) lill-*parte civile* fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka, tħassar, tibdel u tannulla s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta); tillibera lill-esponent minn kull ħtija u piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2021 din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza preliminari (*a fol.* 164 *et seq.*) dwar it-tielet aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, liema aggravju ġie miċħud.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-aggravji mressqa mill-appellant li kienu għadhom mhux deċiżi.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu li għadhom ma ġewx deċiżi. Kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, permezz ta' sentenza (*a fol.* 164 *et seq.*) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-1 ta' Marzu 2021, it-tielet aggravju tal-appellant ġie miċħud. Għaldaqstant jonqos li jsiru konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel, it-tieni u r-raba' aggravju.

Illi l-fatti fil-qosor ta' dan il-każ huma s-segwenti: L-appellant u l-allegati vittmi għandhom proprjetajiet biswit xulxin. Il-*parte civile* għamlu rapport dwar ħsara fis-saqaf tal-proprjeta' tagħhom u ndikaw lill-appellant bħala l-persuna li wettqet il-ħsara. L-appellant ċaħad dan u allega li sofra ħsarat fil-proprjeta' tiegħu. Meta sar ir-rapport l-allegazzjoni kienet li l-appellant kien waddab kantun għal fuq il-kamra tal-għalqa. Il-proprjeta' tinsab fi Triq il-Qrendi. L-allegati vittmi sabu toqba fis-saqaf u kantun fl-art. Kienu mkissrin ukoll il-madum u t-*toilet*. Il-Perit stima l-ħsara bħala ammontanti għal disa' mija u għoxrin Euro (€920).

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellant f'dan il-każ huwa dwar l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi prodotti. Din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul

> mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xiehda u d-dokumenti kollha li jinsabu fl-atti proċesswali u qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu li għadhom mhux deċiżi, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Il-*parte civile* **Mariano Farrugia** kien mar fuq il-post qabel sar l-akkadut u kollox kien f'postu. Skopra l-ħsara l-għada wara li kien qallu missieru biex imur fuq il-post.

- Il-*parte civile* **Alan Farrugia** xehed li l-appellant kien heddu meta kienu qed jagħmlu xi xogħol fil-mogħdija tagħhom. Jirriżulta li l-appellant deherlu li seta' jkisser it-*toilet* la kien qed imiss mal-ħajt tiegħu. Il-*cameras* saru wara għax bdew jibżgħu li jistgħu jsiru affarjiet oħrajn. Skont ix-xiehda ta' Alan Farrugia, meta ltaqgħu mal-appellant u l-avukat tiegħu fit-3 ta' Mejju l-appellant ammetta li għamel il-ħsara għax qal li l-ħajt huwa tiegħu. Jisħaq li mill-filmati jirriżulta li wara għamel aktar ħsarat.

- Mix-xiehda mogħtija mill-**Perit Kevin Farrugia** jirriżulta li huwa ra l-post f'nofs April 2018 u fir-ritratt muri lilu (liema ritratt jirriżulta fit-tieni paġna tar-rapport (Dok. "MF 1" – *a fol.* 13 *et seq.*) redatt minnu) tidher il-biċċa ġebla strana għal dak il-bini, jiġifieri li b'xi mod daħlet hemm.

- **PS 1042 Aaron Caruana** xehed li l-appellant kien nnega li għamel il-ħsara iżda fl-10 ta' Jannar 2019 kienu rċevew ittra mill-avukat Dr. Galea fejn minn naħa tiegħu stqarr li l-imputat qal quddiemu u quddiem oħrajn li hu kien waddab u għamel il-ħsarat.

- L-appellant allura imputat **Joseph Spiteri** xehed li huwa ġie akkuzat bla ħtija. Hu qabel li proprjetajiet oħra fil-madwar tiegħu biss kien hemm proprjeta'. Huwa qal ukoll li torba m'hemmx u li hemm biss xorok.

Illi din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel u t-tieni aggravju flimkien peress li huma konnessi.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li meta Mariano Farrugia u Mario Farrugia ġew mistoqsija jgħidu jekk rawhx iwaddab xi ġebla, huma wieġbu fin-negattiv. Barra dan, jargumenta wkoll li meta kienu mistoqsija dwar il-ħsara fuq is-*cctv's* tagħhom huma wieġbu li dawn kienu twaħħlu wara l-akkadut għalkemm ma ġabu ebda prova dwar id-data tal-installazzjoni.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li mir-ritratti eżebiti jidher li l-proprjetajiet ma jmissux ma' xulxin u li l-ħajt diviżorju huwa għoli. Jisħaq li Mario Farrugia xehed li bejn il-ħajt diviżorju u l-kamra tat-*toilet* hemm bejn il-bank fejn iddepona x-xhud u l-bank tal-Qorti u li għalhekk kien impossibbli li jintefa' kantun li jitwassal il-bogħod mill-ħajt diviżorju. Jisħaq ukoll li x-xorok

jistgħu jinkisru għax mhux mgħottija bit-torba jew konkos u jekk timxi fuqhom tissogra li jinkisru bik.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li ġie ri-prodott aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti għandha quddiemha ammissjoni diretta tal-appellant lil Alan Farrugia. Din hija xiehda diretta li din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita l-veraċita' tagħha. Hija kienet imsaħħa bl-ittra tal-avukat li kien fiżikament preżenti waqt l-ammissjoni u għalhekk tkompli ssaħħaħ ix-xiehda li ta Alan Farrugia. Apparti minn dan, din il-Qorti fliet ir-ritratti u qieset ukoll id-distanza msemmija bħala dik bejn il-bank tax-xhud u l-bank fejn ikun il-Ġudikant kif ukoll l-għoli tal-ħajt diviżorju. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kollu ma jħalli ebda dubju li l-appellant kien l-awtur tal-ħsara in kwistjoni. Din il-Qorti m'hijiex konvinta li l-ħsara seħħet minħabba l-istat tas-saqaf għaliex kieku kien hekk kien jinqasam u jċedi parti mis-saqaf u mhux imbagħad tinstab ġebla estranja kif ikkonferma l-Perit Farrugia. Barra minn dan, ma teżisti ebda proprjeta' oħra fid-dintorni ħlief dik tal-appellant. Għalhekk bilfors li l-ġebla twaddbet mill-post tal-appellant. Fl-aħħarnett il-fatt li x-xhieda ma rawx lill-appellant iwaddab il-ġebla ma teżonerax lill-appellant mill-ħtija għaliex, barra l-ammissjoni tiegħu, hemm provi ċirkostanzjali qawwija li ma jħallu l-ebda dubju li kien l-appellant li għamel il-ħsara. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel żewġ aggravji qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li x-xhieda kollha kkonfermaw li l-ħsara saret fi proprjeta' fiż-Żurrieq waqt li l-post fejn saret il-ħsara jinsab fl-Imqabba. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota li riferenza qed issir għall-istess post għaliex anke l-appellant xehed fuqu u għalhekk il-post kien identifikat. Barra minn hekk, din hija l-istess triq li tinqasam bejn l-Imqabba u ż-Żurrieq u ma hemmx dubju li l-identifikazzjoni tal-post intlaħaq. Għal kull buon fini jingħad li ma jirriżultax li hemm xi avarija bejn il-post indikat fiċ-ċitazzjoni u dak li ssemma waqt id-

depożizzjonijiet tax-xhieda prodotti. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll ir-raba' aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Joseph Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dana illi t-termini hemm msemmija għandhom jibdew jgħaddu millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**